ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 23/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 16 ta' Diċembru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fl-16:45hrs.

## Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *videocall*) |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *videocall*) |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | |

## Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 22

23.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 22 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 07/2020 dwar Allokazzjoni Finanzjarja għall-2021 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

23.3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-allokazzjoni ta' Ħal Kirkop għas-sena 2021 kienet ta' €254,364.

23.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/7/2020 dwar Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

23.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-ċirkulari u qablu li fil-mument il-Kunsill ma għandux jitfa' espressjoni ta' interess f'din iċ-Ċirkulari.

23.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Direttiva 7/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali, liema direttiva titkellem dwar l-emendi li saru fl-Att dwar il-Gvern Lokali dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali.

23.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* rigward l-installazzjoni ta' *charging pillar* għall-vetturi tal-elettriku. Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill kien ser jagħti risposta wara deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill, ix-xogħol beda jsir ġurnata qabel il-laqgħa.

23.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li għandu jitneħħa kull ma sar fi Triq l-Imdina u jerġa' jsir kollox kif kien. Il-Kunsill kien ukoll qed jipproponi li c-*charging pillar* issir jew Triq San Pietru fl-ewwel parti (sa k/m Triq Valletta) jew inkella fi Triq ir-Ramlija. Wara li jintgħażel il-post il-Kunsill ikun jista' joħroġ in-*no objection* tiegħi wara li jkun konfermat li x-xogħol fi Triq l-Imdina reġa' ġie kif kien.

23.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand resident rigward applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp biex jinbnew appartamenti tal-Gvern.

23.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-applikazzjoni u applikazzjonijiet oħra għal *social housing*. Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li fejn hemm 89 appartament u 37 garaxx ser tinħoloq problema kbira ta' parkeġġ.

23.3.5.2 Is-Sindku Terence Agius qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal kwalunkwe proġett ta' bini ta' *social housing* iżda proġett ta' 89 appartament u 37 parkeġġ ma jarax li dan il-proġett huwa sostenibbli.

23.3.5.3 Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill idaħħal oġġezzjoni biex jiżdiedu l-garaxxijiet jew *parking spaces* jew isir parkeġġ li jista' jintuża minn kulħadd. Is-Sindku kompla jgħid li hu ma jarax li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan il-bini għax dan jistgħu jibbenifikaw minnu r-residenti ta' Ħal Kirkop.

23.3.5.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jaqbel ma dak li qal is-Sindku.

23.3.5.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu jaqbel mal-proġett imma ma għandux x'jikkummenta.

23.3.5.6 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li taqbel ma' dak li qal is-Sindku.

23.3.5.7 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu jaqbel mas-*social housing* biss jara li l-ammont mhuwiex bilanċjat u għandu jkun hemm aktar parkeġġ biex ma jinħolqux problemi għar-residenti.

23.3.5.8 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-Perit idaħħal oġġezzjoni dwar il-parkeġġ u l-Kunsill jinżamm notifikat.

23.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Animal Welfare Promotion and Services Directorate dwar skema ta' Neutering. Is-Sindku Terence Agius ser ikompli jiġbor il-lista tal-*feeders* biex ikun jista' jitkellem magħhom dwar din l-iskema u dwar l-LC Care Project.

23.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward persuni interessati biex jirrispondu t-telefon waqt il-programm 'L-Istrina 2020' li ser issir fis-26 ta' Diċembru, 2020 fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop.

23.3.7.1 Peress li sa issa l-Kunsill kien għadu ma kellux kuntatt mill-Uffiċċju tal-President, is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-organizzaturi biex jara kif ser titħaddem it-*traffic management* fl-*area* biex jekk jingħata informazzjoni, l-Kunsill ikun jista' jinforma lir-residenti.

23.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kappillan rigward *bollards* biex jilqgħu il-balavostri taz-zuntier.

23.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dawn il-*bollards* mhux possibbli li jsiru minħabba diversi fatturi.

23.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien talab is-*surveys* ta' Triq San Pietru k/m Triq Valletta k/m Triq Danny Cremona lill-Perit biex ikun jista' jitkellem ma' Infrastracture Malta.

23.3.9.1 Is-Sindku qal li hu kien qed jagħmel pjan ħolistiku tal-*area* kollha biex din tiġi sigura għal kull min jgħaddi minn hemm kemm bil-mixi u kif ukoll bil-karozza. Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-pjan u qablu li malli jkun lest jintbgħat lill-Infrastracture Malta.

23.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed jaħdem biex is-sistema tal-permessi tmur *online* fil-bidu tas-sena d-dieħla.

23.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali rigward it-Tnedija tal-Proċess għas-Sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2013. Is-Sindku qal li r-Reġjun Nofsinhar ser ikun qed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

23.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward Art for All 2021. Is-Sindku kompla jgħid li kif kien ġie diskuss permezz tal-*emails* il-Kunsill kien bagħat korrispondenza dwar dan lil-LEAP! u dawn minn naħa tagħhom ser jippruvaw jidentifkaw persuna minn Ħal Kirkop.

23.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mill-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop biex titħallas l-isħubija annwali li l-Iskola għandha ma Nature Trust rigward il-programm Eko Skola.

23.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din l-isħubija titħallas.

23.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien wasal biex jiġġedded il-kuntratt li l-Kunsill għandu dwar kollezzjoni tal-ħlasijiet li jsiru fil-Kunsill.

23.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt u qablu li jiġġedded.

23.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien ħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi rranġata il-grada tal-Kunsill.

23.3.16 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva talba biex issir CCTV *camera* fi Triq San Benedittu.

23.3.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lir-residenta li l-Kunsill jirċievi diversi talbiet ta' din ix-xorta u dawn ma jistgħux isiru f'kull triq iżda l-Kunsill iwaħħal sistemi ta' CCTV f'*areas* pubbliċi biss.

23.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand artisti rigward fondi għall-artisti lokali.

23.3.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlobha minn fejn ġabet din l-informazzjoni u jekk għandha tgħaddihilna biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskutiha.

23.3.18 Is-Sindku Terence Agius ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2020. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq it-Tielet Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

23.3.18.1 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2020 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

23.3.19 Is-Sindku Terence Agius ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-kuntratt tad-Day Centre kif emendat mill-Avukat tal-Kunsill.

23.3.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt u qablu li dan jiġi approvat u jintbgħat lil AACC biex ikun jista' jiġi ffirmat.

## 23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

23.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm problema fi Sqaq San Nikola għax qed iżomm ħafna ilma.

23.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-Perit biex jara x'jista' jsir u tinġieb stima.

23.4.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar il-proġett tar-restawr tal-Arkata ta' San Ġwann.

23.4.2.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob *update* biex naraw fhiex waslu l-pjanijiet.

23.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet lis-Sindku dwar il-problema tal-ilma fi Triq San Nikola.

23.4.3.1 Is-Sindku talab lis-Sa. Caruana biex meta tkun ix-xita jittieħdu ritratti biex tkun tidher aktar il-problema għax meta marru jaraw laħaq nixef u ma setgħux jifhmu eżatt fejn.

23.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hemm ħofra fi Triq San Nikola eżatt fil-ħruġ lejn iċ-ċimiterju.

23.4.4.1 Is-Sindku qal li din għandha tissewwa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

23.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-*unloading bay* fi Triq l-Imdina.

23.4.5.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel *reminder* biex issir din iż-żebgħa.

23.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hemm problema kbira fi Triq San Remiġ k/m Triq Dun Ġużepp Barbara minħabba l-veloċita li qed jgħaddu biha l-karozzi. Dan għaliex f'temp ta' xahar kien hemm żewġ aċċidenti fejn faqgħu il-faċċati tar-residenti.

23.4.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex issir *speed hump* fi Triq Dun Ġużepp Barbara. Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li jsir disinn u nġibu stimi għal *barriers* bl-istemma tal-Kunsill.

23.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-Keep Clear quddiem il-flats fi Triq Danny Cremona.

23.4.7.1 Is-Sindku qal li kien iċċekkja l-oħrajn li hemm fl-akwata u din għandha ssir bħalhom, jiġifieri b'kaxxa b'X ġo fiha biex ma jipparkja ħadd. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jiġi ordnat.

## 23.5 Rapport tal-Ilmenti

23.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva ilmenti dwar problemi tal-parking f'Kirkop 2. Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema li ilha għaddejja ħafna u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob *update* lil-LESA dwar kemm tħarku nies u x'sar eżatt.

23.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 23.6 Approvazzjoni tad-draft tal-Estimi Finanzjarji Annwali 2021

23.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill id-draft tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2021.

23.6.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

23.6.3 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:40hrs.

## 23.7 Approvazzjoni ta' Akkumular ta' *vacation leave* tal-impjegati

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill it-talba tal-impjegati biex jakkumulaw il-bilanċ ta' *vacation leave* mis-sena 2020 għas-sena 2021, liema bilanċ huwa aktar minn dak stipulat fil-ftehim kollettiv u dan ma setax jittieħed minħabba eżiġenzi ta' xogħol. Għaldaqstant ma kienx ikun ġust li dan il-*leave* jintilef.

23.7.2 Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw it-talba tal-impjegati u għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-bilanċ kollu tal-*vacation leave* ta' l-impjegati tal-Kunsill jiżdied mal-*vacation leave* tas-sena 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 23.8 Miżura 4.4 – Bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ

23.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Avukat kien reġa' bagħat ittra lis-sidien tal-għelieqi li ma kienux taw il-permess tagħhom biex isir il-proġett ta' bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq San Ġwann k/m Triq Dun Ġużepp Barbara.

23.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li persuna waħda biss kienet bagħtet risposta u s-sidien l-oħrajn baqgħu ma tawx tweġiba.

23.8.3 Minħabba li biex dan il-proġett seta' jitħaddem kien hemm bżonn li s-sidien jagħtu *no objection* biex tidħol għand l-Awtorità tal-Ippjanar biex jinħareġ il-permess, il-Kunsill ma kellux triq oħra għajr li jwaqqa' dan il-proġett.

## 23.9 Tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani – Triq l-Industrija

23.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li peress li kien hemm tibdil fil-Ministeri sa issa kien għad ma għandux konferma kif ser ikompli dan il-proġett.

23.9.2 Is-Sindku ser ikun qed ikompli jitkellem mal-persuna li kienet inkarigata minn dan il-proġett biex naraw kif se nipproċedu.

## 23.10 Kwotazzjonijiet – Sistema ta' CCTVs

23.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hemm bżonn li naraw eżatt fejn jista' jsir meter tad-dawl biex il-Kunsill ikun jista' japplika għalih biex isiru s-CCTVs.

23.10.2 Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jara pjan biex isir il-meter tad-dawl u *internet point* biex wara Pjazza San Leonardu ikunu jistgħu jitkomplew il-viċinanzi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 23.11 *LC Care Project* – Skema dwar *Stray Cats*

23.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien iffirma l-kuntratt dwar l-iskema LC Care Project li jitratta dwar *stray cats*.

23.11.2 Is-Sindku kompla jgħid li issa kien qed jaħdem fuq il-lista tal-feeders biex ikun jista' jitkellem magħhom dwar il-bżonnijiet li hawn.

23.11.3 Apparti hekk is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva informazzjoni oħra dwar skema ta' *neutering* tal-qtates fejn il-Kunsill intalab jagħti lista ta' *feeders* biex ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-*vouchers*.

## 23.12 Xogħol f'Misraħ iż-Żerniq

23.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li fir-rigward tal-arbli tad-dawl ta' Pjazza Żerniq, dawn kienu lesti u ġew sbieħ ħafna u b'saħħithom. Hu kompla jgħid li kienu ġew installati nofshom u fil-jiem li ġejjin kien ser jitkompla n-nofs l-ieħor.

23.12.2 Apparti hekk, is-Sindku qal li l-persuna li għamlet l-analiżi ta' x'hemm ħażin fis-sistema tad-dawl tal-pjazza kien ser jagħtina kwotazzjoni biex tiġi rranġata din il-problema. Malli jkollu aktar informazzjoni kien ser iressaq tali quddiem il-Kunsill.

## 23.13 Xogħol fi Triq Valletta k/m Triq Danny Cremona

23.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan l-*item* ġie diskuss fl-*item* 23.3 - Komunikazzjoni mis-Sindku, minuta 23.3.9 u ma kellu xejn xi jżid f'dan l-istadju.

## 23.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

23.14.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 109 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

23.14.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 109 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 23.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.15.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

23.15.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar, 2021 fl-16:30hrs.

23.15.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:15hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 21 ta' Jannar, 2021

**Mozzjoni Ref:** 120/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 22.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 121/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2020 jiġu approvati.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Terence Agius | **Sekondant**<br>Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 122/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2021.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 123/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 124/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bilanċ kollu tal-*vacation leave* ta' l-impjegati tal-Kunsill jiżdied mal-*vacation leave* tas-sena 2021.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 125/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 109.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**